# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Novembru 2001

**Numru 46**

**Citaz.   numru 155/89DS**

Sullivan Shipping Agencies Limited
vs
Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Cargo Handling Company Limited

Illum, 16 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Frar 1989 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' attrici giet inkarigata minn socjeta' estera OMS Geneva sabiex din tiehu hsieb it-trasbord tal-merkanzija taghha.

Illi l-imsemmija merkanzija kienet tinstab depozitata f'wahda mill-istores allokati ghaliha;

Illi meta l-attur mar biex jirtira l-merkanzija, is-socjeta konvenuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi damet biex tisshipja l-elf u mitejn (1200) tunnellata merkanzija fuq il-vapur Sine Bres liema vapur gie apposta Malta ghal din il-merkanzija.

Illi minhabba dan l-agir abbusiv u illegali s-socjeta' attrici sofriet danni kbar u konsiderevoli.

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddikjara l-konvenut nomine responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrrici minhabba ir-ragunijiet fuq premessi.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici.

3. tikkundanna lill-istess ihallas is-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjarju tas-6 ta' Frar 1989 u bl-imghax.

Il-konvenut ingun ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti noe qdew il-funzjonijiet taghhom bid-diligenza kollha rikjesta mill-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta’ l-10 ta’ April 1989 fejn giet nominata l-Avukatessa Dottor Rachel Bonello bhala perit legali biex tfittex u tirrelata wara li tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Mejju 1999 fejn il-perit legali giet ordnata tirritorna l-atti fil-pussess taghha kemm-il darba ma baqaghliex interess fl-inkarigu taghha;

Rat l-atti kollha minnha ritornati, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

1. Mid-dikjarazzjoni guramentata ta’ Lawrence Ellul Sullivan u tax-xiehda tieghu jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet inkarigata mis-socjeta` estera O.M.S., Geneva, sabiex tiehu hsieb it-trasbord ta’ merkanzija li kienet giet zbarkata Malta u kienet tinsab f’wahda mill-mhazen allokati lis-socjeta` attrici. Il-merkanzija kienet tal-piz ta’ elf u mitejn tunnellata u kellha titghabba fuq il-vapur SINE BRAS. Meta dan il-vapur wasal Malta pero`,

is-socjeta` konvenuta ma bdietx ix-xoghol mill-ewwel b'rizultat li s-socjeta` attrici allegatament sofriet danni.

2. Lawrence Ellul Sullivan qal li l-imghallem tas-socjeta` attrici, certu Bastjan Gatt, ordna lin-nies biex jghabbu l-merkanzija ghal xit-8.00 a.m. tas-6 ta' Frar 1989. Kemm in-nies li jahdmu abbord kif ukoll in-nies tas-socjeta` konvenuta rapportaw ghax-xoghol izda dawk tas-socjeta` konvenuta, ghal xi ragunijiet mhux maghrufin lilu, irrifjutaw li jibdew jahdmu u bdew biss ghal xis-6.30 p.m. ta' l-istess gurnata. Konsegwentement ghal dan id-dewmien, gew kagunati danni konsistenti f' kera tal-vapur ghal gurnata fl-ammont ta' elfejn dollaru (U.S. $2,000) u hlas ta' *overtime* fl-ammont ta' Lm353.72.

3. Dwar is-somma ta' U.S. $2,000 Lawrence Ellul Sullivan spjega li dawn suppost jithallsu minghand il-kumpanija Svizzera li kriet il-vapur u ghalhekk jekk jiehu din is-somma jkun obbligat jirrifondiha lil dik is-socjeta`; ikollu jhallasha anke jekk ma jkunx irceviha minghand is-socjeta` konvenuta. *"irrispettivament ghall-ezitu ta' din il-kawza, jekk nigi rikjest biex inhallas l-elfejn dollaru kif diga` ghidt minghand id-ditta estera, jien ikolli nhallas"*. Minn din ix-xiehda mela jirrizulta li l-vapur SINE BRAS inkera mis-socjeta` estera O.M.S.; jekk is-sidien tal-vapur kellhom jitolbu hlas tad-*demurrage*, din it-talba kienet se ssir lil dik is-socjeta` estera; is-socjeta` O.M.S. imbaghad kien ikollha dritt ta' rivalsa kontra s-socjeta` attrici peress li, kif tajjeb gie verbalizzat fis-seduta peritali tad-9 ta' Novembru 1989, il-partijiet qablu li s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` estera O.M.S. Issa ma jirrizultax li s-socjeta` estera O.M.S. ghamlet talba lis-socjeta` attrici biex thallasha s-somma ta' U.S. $2,000. Ghalhekk ma tistax tippretendi s-socjeta` attrici li s-socjeta` konvenuta thallasha din is-somma meta m'hemm l-ebda prova li batiet dik is-somma bhala danni.

4. Dwar l-*overtime* mhallas zejjed, Lawrence Ellul Sullivan esebixxa rendikont (Dok. HH1) u *supporting vouchers* (Dok. HH2 sa HH5). Li juru kif wasal ghas-somma ta' Lm353.72 in kwantu jirrigwarda l-*overtime* li kellu jhallas fis-6 ta' Frar u fit-8 ta' Frar 1989, jigifieri qed jippretendi zewg terzi mill-*overtime* kollu mhallas. Effettivament mil-*loading report* (Dok. ES3) jidher il-piz li tghabba fuq il-vapur gurnata b'gurnata. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li kieku x-xoghol beda kif ippjanat fis-6 ta' Frar 1989, ma kienx ikun hemm lok li jitwal sad-9 ta' Frar 1989. Izda kieku ma kienx hemm id-dewmien in kwistjoni, xorta kien ikollu jsir l-*overtime*? U x'kienet ir-raguni tad-dewmien biex jinbeda x-xoghol?

5. Lawrence Ellul Sullivan xehed li ma jafx x-kienet ir-raguni. George Baldacchino, *operations superintendent* mas-socjeta` konvenuta, beda biex ighid li jista' jassumi x'seta' gara dakinhar ghax il-kaz partikolari ma jiftakrux. Huwa qal pero` li jidher li meta l-*port workers* marru biex jibdew ix-xoghol, sabu xi oggezzjoni ghax ix-xoghol kien stakkjat fil-gholi u ma kienx hemm krejnijiet biex ikunu jistghu jnizzluh. L-istess xhud pero` qal li xorta x-xoghol seta' beda minghajr krejnijiet ghax *"ghalkemm jigi stakkjat fil-gholi, dan jigi stakkjat fil-gholi b'tali mod li jkun imtella'* ***in step****, imma fl-ahhar tax-xoghol ikun b'tali mod li tista' taqbad inti mill-art u tibda tghabbi"*. Dwar l-*overtime* pero` jsostni li dan xorta kien jinhadem, ghall-avolja kien hemm dewmien fl-ewwel gurnata, u dan peress li x-xoghol fis-6 ta' Frar 1989 beda fil-11.00 a.m. filwaqt li fid-9 ta' Frar 1989 spicca fit-3.00 p.m. u ghalhekk is-saghtejn li setghu ntilfu fl-ewwel gurnata kienu semplicement jintrebhu fl-ahhar gurnata.

6. Filwaqt li dwar ir-raguni tad-dewmien, mix-xiehda ta' George Baldacchino stess ma jirrizultax li kien hemm gustifikazzjoni biex il-haddiema jirrifjutaw

li jibdew jahdmu, dwar l-*overtime* George Baldacchino jinsab kontradett minn Lawrence Ellul Sullivan li xehed li x-xoghol fl-ewwel gurnata beda ghal xis-6.30 p.m. Fid-Dok. ES1 esebit minn Lawrence Ellul Sullivan stess u konsistenti f'ittra miktuba lis-socjeta` konvenuta nsibu li qieghed jilmenta dwar il-fatt li l-krejnijiet waslu fil-11.30 a.m. u li nonostante l-wasla taghhom, xorta n-nies rrifjutaw li jibdew jahdmu. Pero` mbaghad mid-Dok. HH3 jidher li l-*overtime* ghas-6 ta' Frar 1989 kien jirrigwarda l-hin bejn il-5.00 p.m. u d-9.00 p.m. Jekk ix-xoghol fis-6 ta' Frar 1989 beda ghall-habta tal-5.00 p.m., ifisser li ntilfu mad-disa' sighat xoghol, hin li effettivament kellu jaghmel tajjeb ghalih certu ammont ta' *overtime*. Is-socjeta` attrici qed tippretendi l-*overtime* ta' jumejn u qed titlob is-somma ta' Lm353.72. Jigi notat l-ewwel nett li ghal dak li jirrigwarda t-*tallying*, mid-Dok. HH4 jirrizulta li l-*overtime* ta' tlett ijiem ghat-*tally clerks* kien ta' Lm38.40. Billi s-socjeta` attrici qed tippretendi hlas ta' zewg terzi, allura l-ammont ghat-*tallying* ghandu jkun ta' zewg-terzi minn Lm38.40, cioe` Lm25.60. Is-somma pretiza ta' Lm353.72 trid b'hekk tigi ridotta ghal Lm285.72. Mill-komputazzjonijiet li ghamlet il-Qorti hija tal-fehma li huwa gust li dan l-ammont jithallas lis-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici billi:

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici ghad-dewmien biex inbeda x-xoghol ta' taghbija ta' merkanzija fuq il-vapur SINE BRAS fis-6 ta' Frar 1989,

(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm285.72,

(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata ta’ Lm285.72 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur